MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 394/2003

**Bernard Frendo**

**vs**

**Carmelo Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm262.82) rappresentanti danni subiti mill-attur fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAL 075 wara incident "front-to-rear" li gara fid-9 ta' Jannar 2001 fi Triq il-Kunsill ta'l-Ewropa, Luqa, meta l-vettura JBB 395, misjuqa mill-konvenut baqghet diehla fil-vettura ta'l-attur. Ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Dicembru 2002, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut epprezentata fl-01 ta’ April 2003, fejn huwa eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut stante illi ma jirriflettiex l-ispiza reali tal-hsarat kkawzati mill-konvenut u dana peress illi l-vettura ta’l-attur kellha diga diversi hsarat minn qabel l-incident stradali li sehh bejn l-attur u l-konvenut fid-9 ta’ Jannar 2001.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub ta’ Lm262.82 hu wiehed ezagerat.
3. Salvi eccezzjonijiet ohrajn u bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta’l-attur, Mario Cumbo u tal-konvenut

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tad-dokumenti esebiti u tan-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kif ukoll mix-xhieda prodotta ma jidhirx illi l-konvenut qieghed jikkontesta r-responsabbilta’ tieghu ghall-incident stradali mertu ta’ din il-kawza. Il-kontestazzjoni principali ghalhekk f’din l-istanza hija dwar il-*quantum* tad-danni u dana in vista tal-fatt illi l-vettura ta’l-attur diga kellha xi hsarat ohra fiha, qabel ma sehh dana l-incident.

Illi mix-xhieda tas-*surveyor* Mario Cumbo u mis-*survey report* redatt minnu, jirrizulta bl-iktar mod car liema kienu il-hsarat subiti fiz-zewg incidenti stradali relattivi u l-ammont li l-attur qieghed jitlob f’din il-kawza li huwa ibbazat fuq l-imsemmi *survey report*. Fil-fatt mir-ricevuti esebieti jirrizulta illi l-valur tal-*labour* u l-i*spray* jikkombaca perfettament ma’ dak imnizzel fis-*survey report*, filwaqt illi l-valur tal-*bumper* jirrizulta mir-ricevuta a fol.18 tal-process.

Illi l-konvenut isostni illi l-*bumper* diga kellu hsara mill-ewwel incident u ghalhekk huwa ma huwiex tenut ihallas dana l-ammont. Illi mix-xhieda ta' Mario Cumbo ma jissemma xejn dwar il-hsara fil-*bumper*, izda biss fir-*rear panel* u fil-*boot lid*. Il-konvenut, fix-xhieda tieghu jikkontendi biss illi dan il-*bumper* ma inbidilx u jezebixxi ritratt li ma jindikax dana car, izda fl-ebda mument ma ighid illi l-*bumper* huwa ma messux. Ghalhekk, l-konvenut ma irnexxielux jipprova illi d-danni fil-*bumper* ma kenux responsabbilta' tieghu.

Ghar-rigward tar-ricevuti esebieti bin-numru ta' registrazzjoni tal-vettura ta'l-attur indikat hazin, ghandu jinghad illi ghalkemm dana huwa minnu, madanakollu l-ammont jikkombaca perfettament ma'l-ammont indikat fis-*survey report* ta' Mario Cumbo, u kwindi huwa gustifikat.

Illi ghar-rigward ta'l-i*spare parts* l-ohra indikati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, ghandu jinghad illi minn imkien mill-provi prodotti mill-attur ma jirrizulta illi huwa qieghed jitlob il-hlas ghal-istess.

Illi finalment ghandu jinghad illi l-attur fl-ebda mument ma ipprova iqarraq bil-konvenut jew japprofitta ruhu minnu, izda mal-ewwel infurmah bil-hsarat li kellu mill-ewwel incident u anke indika dan lis-*surveyor* u is-*survey report* sar bl-iktar mod car, b'dan illi l-hsarat subiti fiz-zewg incidenti gew indikati separatament sabiex jigi evitat kwalunkwe ekwivoku.

Illi kif isostni l-konvenut, madanakollu meta wiehed ighodd l-ammonti ta' Lm80.50 u Lm80.50 (valur ta' *labour* u *spray*) ma'l-ammont ta' Lm78.82 (valur tal-*bumper*), l-ammont ilahhaq ghal Lm239.82 u mhux l-ammont indikat fl-avviz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mitejn u disgha u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm239.82) u filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni u jikkundanna lill-

istess konvenut ihallas lill-attur din is-somma u cioe' Lm239.82.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 2002 ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------